**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 31/2015**

**Dr. Michelle Tabone [K.I. numru 138371(M)], fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arcisqof ta' Malta, bhala Amministratur tal-Entijiet Ekkleziastici kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza**

**vs**

**Noel Attard [K.I. numru 6971(M)]**

**Illum, 28 ta' Settembru 2016,**

Il-Bord.

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti nomine kienet tikri l-garaxx bla numru li jinsab fil-kumpless numru 58, fi Triq Ganu, Birkirkara lill-intimat Noel Attard indikat bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dok A.

Illi fid-dawl tal-emendi fil-ligijiet tal-kera (Att Numru X tal-2009) il-lokazzjoni ta' din il-proprjeta giet terminata, u ghalhekk skadiet fl-1 ta' Gunju tas-sena 2010.

Illi matul l-pendenza tal-lokazzjoni u cioe sa meta ghalqet il-kirja fl-1 ta' Gunju 2010, l-intimat naqas ghal diversi snin milli jhallas il-kera dovuta minnu lill-esponenti nomine.

Illi mid-data tat-terminazzjoni tal-imsemmija lokazzjoni l-intimat ilu jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi minkejja diversi interpellanzi u partikolarment dawk tas-7 ta' Ottubru 2014 u tal-11 ta' Dicembru 2014, li kopja taghhom qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok B u Dok C rispettivament, l-intimat ma zgombrax mill-fond izda baqa' jokkupa u ghadu sal-lum jokkupa u juza, l-imsemmi fond illegalment u abbuzivament a detriment tar-rikorrenti nomine.

Illi, fil-fehma tar-rikorrenti nomine, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjonijiet xi jressaq f'din il-kawza li ghalhekk tista tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-intimat Ghaliex M'Ghandux Dan il-Bord Jilqa'it-talbiet tar-rikorrenti li qeghda hawn titlob li Dan il-Bord Joghgbu:

1. Jaqta' u Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' 1-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Jikkundanna lill-intimat jizgombra mill-imsemmi garaxx bla numru li jinsab fil-kumpless numru 58, fi Triq Ganu, Birkirkara, indikat bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dok A u jhalli l-istess immobbli liberu u battal favur l-esponenti nomine fi zmien qasir u perentorju li Dan l-Onorabbli Bord Jogghbu Jiffissa. Bl-ispejjez inkuzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Ottubru 2014 u ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2014 u bir-rizerva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lir-rikorrenti nomine kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bid-digriet tat-30 ta' Marzu 2015 fl-24 ta' Awwissu 2015.

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh fis-16 ta' Settembru 2016 ghas-seduta tat-28 ta' Settembru 2016.

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnha maghrufa.

Ra l-atti kollha tar-rikors.

Ra illi l-intimat imsejjah diversi drabi ma deherx ghas-seduta tal-lum sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema' lir-rikorrenti tikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern bil-gurament.

Ikkunsidra:

Illi l-intimat naqas milli jtidher quddiem il-Bord sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti kif trid il-ligi.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu milqugha bis-dispensa tas-smiegh stante illi t-talbiet tar-rikorrenti jaqghu fil-parametri tal-ligi li tikkoncedi tali dispensa.

Ghaldaqstant, il-Bord peress illi jidhirlu li r-rikors odjern jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti jkunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefiggi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur